MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 1238/1999/1

**International Trading Company Limited**

**Vs**

**Mario Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erba mija u dsatax il-lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm419.25) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u liema ammont baqa’ ma thallasx. Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti lejn l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni gjuridika mas-socjeta attrici u mhux l-opportun legittimu kontradittura.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante l-merkanzija meritu tal-kawza, u formanti parti minn ordni akbar li baqghet ma gietx konsenjata, u b'hekk mhux bzonnjuza giet ordnata mis-socjeta Carabott Limited.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet it-trattazzjoni, fil-qasir, da parti tas-socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi Henriette Dougall (fol 14 et seq ibid) direttur tas-socjeta' attrici xehdet li l-konvenut kien ghamel ordni mas-socjeta' attrici in rigward 'light fittings' li kellhom jintuzaw bhala armar f'hanut appartenenti lill-istess konvenut u sitwat aktarx fil-Hamrun. Oltre dan, l-istess socjeta attrici kienet istallat, fl-istess hanut, l-istess oggetti, ordnati u konsenjati. In konnessjoni ma dan, l-istess xhud esebiet il-fatturi relattivi kif ukoll id-'delivery orders' liema dokumenti jinsabu a fol 17 sa fol 20 tal-atti. Hi filfatt, irreferiet b'mod specjali, ghall-imsemmija, 'delivery orders' li gew iffirmati minn Mario Carabott kif jidher wara l-kelma 'signature'. Fl-ahharnett, il-konvenut qatt ma kien ikkomunika mas-socjeta attrici sabiex jghid ghaliex ma kienx thallas minnu, l-ammont in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu l-konvenut (fol 26 et seq ibid) beda' biex jsemmi li dan in-negozju ma kienx sar minnu personalment, izda f'isem il-kumpanija "Carabott Ltd", proprjetarja tal-istess hanut. In rigward l-ordni in kwistjoni,

hu jsostni li l-oggetti kollha ordnati kienu gew konsenjati. Pero, kienu intuzaw biss, dawk elenkati a fol 27 b’valur ta’ Lm70.10,0 waqt li l-oggetti l-ohra qatt ma kienu gew istallati “u ghadhom intatti u fl-istess kondizzjoni meta gew ikkonsenjati’. Skond l-istess konvenut dan kien gara minhabba ir-raguni msemmija fl-istess xhieda u “…bqajna li jirtiraw l-items u nhallas biss tal-materjal uzat”. Fl-ahhar nett, il-konvenut sostna ukoll li Mario Camilleri, presumibiliment direttur iehor tal-istess sojceta’ attrici, kien xtara mill-hanut imsemmi, diversi gojjelli” on credit” u b’valur ta’ Lm340. Ghalhekk fil-fehma tal-konvenut u a bazi tal-premess, hu kien kreditur, u mhux debitur, tas-socjeta attrici, fis-somma ta‘ Lm60.70,0.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-premess, ma hemm ebda dubbju illi jirrisultaw is-segwenti fatti:-

a) L-oggetti kollha ordnati gew kollha konsenjati. Dwar dawk l-oggetti konsenjati izda mhux uzati, ma hemm ebda dubbju mill-provi prodotti illi l-istess oggetti kienu kollha kemm huma ordnati. Ghalhekk jekk, filfatt, parti minnhom ma gewx stallati fil-hanut in kwistjoni tali ghazla giet esegwita mill-istess konvenut u fil-fehma tal-Qorti f’kaz li kien hemm kontestazzjoni l-istess konvenut kellu jadixxi din il-Qorti permezz tal-proceduri legali realttivi b’mod specjali permezz tal-azzjoni skond il-ligi u d-depositu tal-istess oggetti fir-Registru tal-istess Qorti.
b) Mid-dokumenti esebiti specifikatament mad-“delivery orders” imsemmija jidher car li l-konvenut kien qed jagixxi personalment u bl-ebda mod car u inekwivoku ma irrisulta li ordna l-oggetti in kwistjoni f’isem xi persuna guridika.
c) Dwar l-ammont allegatament dovut minn Mario Camilleri in konnessjoni mal-gojjelli akkwistati minn dan, il-konvenut qed jirreferi ghal <u>tpacija</u> ossija “set off” regolat mill-artikoli 1196 sa 1204 tal-Kodici Civili. Dwar dan, pero’, jidher ukoll car li f’dan il-kaz, ma tistax topera tpacija bejn l-ammont involuti stante li dak li qed jallega l-konvenut ma hux wiehed likwidu u dovut. Difatti debitu ghandu jigi kunsiderat bhala likwidu jekk l-ammont in kwistjoni hu cert anke f’dak li jirrigwarda il-kwantita (ara l-

artikolu 1197(1) u (2) ibid). Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ghandu jintavola l-azzjoni relattiva in rigward l-ammont allegatament dovut lilu ,personalment minn Mario Camilleri, oltre li jinghad ukoll li s-socjeta attrici tista tkun estranea ghax-xiri tal-istess gojjelli li setghu gew akkwistati minn Mario Camilleri personalment.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi tenut kont ta’ dak kollu premess, ghandhom jigu akkolti t-talbiet attrici waqt li jigu michuda l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm419.25,0 bl-imghax legali mill-25 ta’ Marzu 1994 sad-data tal-pagament effettiv fuq is-somma ta’ Lm209.10,0 u mis-16 ta’ Dicembru 1994 sad-data tal-pagament fuq l-ammont kollu dovut u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------